

# Iż-Żejtun Matriċi Diversi Drabi

Il-Kan. Dun Joe Abela

Is-sena li qegħdin fiha, 2016, taħbat l-400 anniversarju mindu l-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar infirdet mill-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun u allura bis-saħħa ta' din il-firda, il-parroċċa taż-Żejtun saret **matriċi** għall-ewwel darba, jiġifieri **omm ta' parroċċa oħra** li nqatgħet minnha. Forsi kien hawn min ħaseb li din kienet l-unika darba li Santa Katarina taż-Żejtun saret matriċi, iżda mhux hekk!

F'dan l-istudju se naraw id-diversi drabi li ż-Żejtun sar matriċi matull-istorja ekkleżjastika tiegħu. Ma nistagħġbux b'dan għaliex ma rridux ninsew li ż-Żejtun barra mill-qedem kellu, estensjoni kbira hu wkoll waħda mill-parroċċi l-aktar qodma ta' Malta. Tant hu hekk li aktar mill-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun, kienet il-knisja parrokkjali l-qadima dik li nsibuha "Ta' San Girgor" (għalkemm minn dejjem kienet iddedikata lil Santa Katarina) li saret matriċi mhux darba.

**<u>Matriċi għall-ewwel darba</u>**

Il-bini taż-żewġ torrijiet mastiċċi ta' San Luċjan f'Marsaxlokk u San Tumas f'Wied il-Għajn ħolqu ċertu sigurta' fin-Nofsinhar u Lvant ta' Malta u hekk serraħ l-imħuħ tar-residenti billi, sa ċertu punt taffewlhom xi ftit il-biża' li kellhom mill-attakki tal-furbani Misilmin. Dan ġara propju fl-ewwel snin tas-seklu 17 u l-**ewwel nies li xtaqu jinfirdu mill-parroċċa taż-Żejtun kienu ż-Żabbarin** li fis-sena 1615 kienu 610 fin-numru. Dan jigifieri, sena waħda biss wara l-bini tat-Torri San Tumas. Veru li f'dik is-sena f'Ħaż-Żabbar kien hemm ħames knejjes żgħar bl-akbar waħda San Ġakbu, iżda kienet il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja li tgawdi l-akbar devozzjoni. **Sas-sena 1615, San Ġakbu kienet meqjusa bħala viċi-parroċċa taż-Żejtun**, b'saċerdot tal-post, ċertu **Dun Melchior Lia** ħabrieki sew fiha. Iżda għalkemm dan il-qassis kien jaqdi sew liż-Żabbarin, minħabba l-bogħod li kellhom mill-Knisja parrokkjali taż-Żejtun, huma xtaqu li jsiru parroċċa indipendenti miż-Żejtun. Il-Knisja parrokkjali tagħhom sas-sena 1616, kienet għadha dik li aħna nsibuha bħala Ta' San Girgor. Kienet saret drawwa li l-Isqof jifhem tant lin-nies meta jitolbu xi firda, speċjalment jekk il-kappillan ma jsibx diffikulta' u Dun Mattew Bulo kappillan taż-Żejtun ma sabx diffikulta', basta l-firda ssir minn wara mewtu! B'xorti tajba fis-sena 1615 l-Isqof ta' Malta kien **Mons. Baldassar Cagliares** li kien midħla sew taż-Żejtun fejn kellu r-residenza tiegħu tas-sajf. Hu allura kien jaf sewwa l-kundizzjonijiet f'din il-parti tad-djoċesi tiegħu.

Ma damx allura biex jaqta' x-xewqa ġustifikata taż-Żabbarin billi **nhar it-23 ta' Diċembru 1615 iddikjara lil Ħaż-Żabbar parroċċa għaliha, iżda kien fis-sena 1616 li dan id-digriet ġie mwettaq.**

L-Isqof Cagliares ma għażilx lil Dun Melchiore Lia bħala kappillan tal-parroċċa l-ġdida ta' Ħaż-Żabbar, iżda lil kuġinuh Għawdxi Dun Angelo Portremoli li fis-sena 1615 kellu 45 sena. Dun Angelo ħa l-pussess tal-parroċċa ġdida f'Jannar 1616 u fis-17 tal-istess xahar għammed l-ewwel tarbija fil-**knisja tal-Madonna tal-Grazzja**, li ntagħżlet bħala l-knisja parrokkjali żgur minħabba d-devozzjoni li kienet tgawdi, kif kien innota sew Mons. Pietru Duzina erbgħin sena qabel. **U hekk iż-Żejtun sar Matriċi għall-ewwel darba**.

**<u>Matriċi għat-tieni darba</u>**

L-Għaxqin ma damux wisq biex jitħajru miż-Żabbarin. Veru li Ħal Għaxaq dak iż-żmien kien iżgħar minn Ħaż-Żabbar iżda l-ebda qassis ma kien joqgħod f'Ħal Għaxaq u kien ikollu jitla' qassis miż-Żejtun biex iservi fil-**kappella ddedikata lil Santa Maria**. Fiż-żjara pastorali li l-isqof Cagliares kien qed jagħmel fiż-Żejtun fl-**20 ta' Marzu 1626** numru ta' Għaxqin insistew miegħu biex jaqta' lil Ħal Għaxaq miż-Żejtun. Bħas-soltu qalu li xi nies minn Ħal-Għaxaq kienu laħqu mietu mingħajr assistenza. L-isqof ikkuntentahom ftit ġranet wara, propja meta Dun Mattew Burlo' kappillan taż-Żejtun

kien għadu kif miet tnax il-gurnata qabel. **Dun Mattew Sciriha** ntagħżel bħala l-ewwel Kappillan ta' Ħal Għaxaq u hekk **iż-Żejtun sar matriċi għat-tieni darba.**

**Matriċi għat-tielet darba**

Kellhom jgħaddu ħafna snin sakemm il-parroċċa taż-Żejtun saret matriċi għat-tielet darba. Dan sar meta Marsaxlokk inqata' miż-Żejtun fis-seklu dsatax. Kull biża' mit-torok kien għeb mix-xtut tagħna bis-saħħa tal-fortifikazzjonijiet mibnija mill-Kavallieri ta' San Ġwann b'mod speċjali bit-**Torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk**. Hekk il-popolazzjoni ta' dan il-port kienet kibret xi ftit għalkemm ma kenitx aktar minn 300. Fl-1855 **il-Markiża Rosalia Viani Testaferrata** ġet salvata b'mod mirakoluż minn tempest u saret **devota kbira tal-Madonna ta' Pompei.** Knisja kbira bizejjed biex isservi bħala waħda parrokkjali kien għad m'hemmx f'Marsaxlokk. Għalhekk fis-sena 1890 l-Isqof Pietru Pace ddeċieda li tinbena waħda. L-Ghawdxi **Dun Ġuzepp Diacono** ppjana waħda, waqt li ż-Żejtuni **Carmelo Vella** ġie inkarigat mill-bini tagħha. Il-Markiża Rosalia kienet waħda mill-akbar benefattriċi. Din il-knisja tlestiet fis-sena 1892 iżda kien **fis-sena 1897 li Marsaxlokk sar parroċċa indipendenti miż-Żejtun**. Bħala kappillan sar iż-Żejtuni **Dun Salv Delia**.

Meta **Wied il-Għajn** inqata' minn Ħaż-Żabbar f'nofs is-seklu li għadda, iż-Żejtun akkwista unur akbar għaliex sar arċi matriċi. Il-limiti tiegħu ttieħdu kemm miż-Żejtun, speċjalment minn naħa tal-bajja ta' san Tumas u kemm minn Ħaż-Żabbar. Iżda peress li l-knisja żgħira fit-triq La Sengle kienet fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar ġie iddikjarat li wied il-Għajn ħareġ minn Ħaż-żabbar u mhux miż-Żejtun. Il-Knisja parrokkjali preżenti nbniet wara.


